# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 4 ta' Diċembru, 2023.

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 7/2023 ISB**

**Knightsbridge Global Limited (C 91644)**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tas-soċjetà **Knightsbridge Global Limited (C 91644),** intavolat fil-31 ta' Jannar 2023, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:

*...tipproċedi bl-istralċ u l-likwidazzjoni konsegwenti ta' Knightsbridge Global Limited (C 91644) ai termini tal-Artikoli 214(2)(a)(i), 214(1)(a), 214(2)(b)(i) u 214(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta.*

U dan wara li ppremettiet:

*Illi s-soċjetà Knightsbridge Global Limited (C 91644) ġiet akkwistata mill-aill-azzjonist u direttur attwali tagħha. Vincent Francois Regazzacci Stephanopoli bis-saħħa ta' ftehim ta' xiri ta' ishma datat it-28 ta' April 2020, li kopja tiegħu hija hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dokument 'A'****.*

*Illi Knightsbridge Global Limited hija l-entità Maltija ta' entità li ġiet ridomiciljata mill-Olanda, u ċioe' minn Knightbridge Global B.V..*

*Illi l-azzjonist tal-Knightsbridge Global B.V., ta' dak iż-żmien, u eventwalment Knightsbridge Global Limited kien Revery Group Limited.*

*Illi permezz tal-board resolution tat-28 ta' April 2020, li kopja tagħha hija hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dokument 'B'****, li permezz tiegħu, Revery Group Limited kienet iddeċidiet li tittrasferixxi l-ishma fil-Kumpanija lill-azzjonist attwali tagħha, Vincent Regazzacci Stephanopoli, dan it-trasferiment sar bil-kundizzjoni li kwalunkwe rikavat mil-likwidazzjoni ta' Knightsbridge Global Limited ikunu trasferiti lura lil Revery Group Limited.*

*Illi l-kumpanija kienet tat struzzjonijiet lil PriceWaterhouseCoopers Malta (PWC Malta) lura f'Mejju 2020 biex topproċedi bil-likwidazzjoni tal-Kumpanija.*

*Illi huwa xieraq li wieħed jinnota minkejja dan, li sal-lum, l-imsemmi proċess ta' likwidazzjoni għadu ma ġiex konkluż minħabba li PWC Malta għażlet li terġa' twettaq l-audits tal-Kumpanija bħallikieku tali audits qatt ma kienu saru.*

*Illi f'Novembru 2021 PWC Malta ċċirkolat l-ewwel abbożż tal-audited financial statements għall-2019. Ftit wara ġew iċċirkolati r-rapporti finanzjarji awditjati għall-2020.*

*Illi minkejja dan, il-proċess ta' likwidazzjoni ġie sospiż minn PWC u t-termini u l-kundizzjonijiet tat-termini tal-ingaġġ tagħhom ma ġews rispettati minn PWC Malta. Illieventwalment, b'effett mill-1 ta' Lulju 2022, PWC irrinunzjat għat-tlestija tal-verifika skont id-dokument hawn anness u mmarkat bħala **Dokument "C"**.*

*Illi l-aħħar kontijiet awditjati għall-kumpanija huma hawnhekk annessi u mmarkati bħala **Dokument 'D'**.*

*Illi n-negozju tal-kumpanija ġie sospiż għal perjodu mhux interrott ta' aktar minn erbgħa u għoxrin xahar, u dan bi ksur tal-Artikolu 214(2)(a)(i).*

*Illi l-Kumpanija għandha, bis-saħħa ta' riżoluzzjoni straordinarja, tiġi xolta u stralċjata mill-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 214(1)(a), li kopja tagħha hija hawn annessa u mmarkata bħala **Dokument 'E'**.*

*Barra minn hekk, in-numru ta' membri tal-kumpanija tnaqqas għal inqas minn tnejn u baqa' hekk imnaqqas għal aktar minn sitt xhur, u dan bi ksur tal-Artikolu 214(2)(b)(i), u n-numru ta' diretturi tnaqqas għal inqas mill-minimu preskritt mill-Artikolu 137 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta u baqa' hekk imnaqqas għal aktar minn sitt xhur, u dan ai termini tal-Artikolu 214(2)(b)(ii).*

*Illi għall-finijiet u effetti kollha, l-aħħar Memorandum u Artikoli ta' Assoċjazzjoni tal-Kumpanija huma hawnhekk mehmuża u mmarkati bħala **Dokument 'F'**.*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors promotur (Dok A sa Dok F) (fol 2 sa fol 49).

Rat id-**digriet** tagħha tal-1 ta' Frar 2023 minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-13 ta' Marzu 2023 fl-10:15 a.m.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2023, deher l-Avukat Carl Grech għas-soċjetà rikorrenti u l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2023, id-difensur tas-soċjetà rikorrenti ppreżenta nota (fol 57) b'affidavit ta' Vincent Stephanopoli b'dokument anness (fol 58 sa fol 62), kif ukoll nota (fol 63), b'għaxar (10) dokumenti annessi (Dok CGR1 sa CGR10, fol 64 sa fol 169) u ddikjara li m'għandux aktar provi x'jipproduċi, u talab lill-Qorti sabiex tgħaddi għall-provvediment u għalhekk il-kawża ġiet differita għall-udjenza tal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluż mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mis-soċjetà rikorrenti *ai termini* tal-Artikoli **214(1)(a), 214(2)(a)(i), 214(2)(b)(i) u 214(2)(b)(ii) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Illi mid-dokumenti ppreżentanti jirriżulta li s-soċjetà rikorrenti ġiet akkwistata mill-azzjonist u d-direttur attwali tagħha, Vincent Francois Regazzacci Stephanopoli bis-saħħa ta' ftehim ta' xiri ta' ishma datat it-28 ta' April 2020. Is-soċjetà rikorrenti hija l-entità Maltija ta' entità li ġiet ridomiċiljata mill-Olanda u ċjoè minn Knightsbridge Global B.V, l-azzjonista tagħha kienet is-soċjetà Revery Group Limited.

Jirriżulta li f'Mejju 2020, is-soċjetà rikorrenti tat struzzjonijiet lil PriceWaterhouseCoopers Malta biex tipproċedi bil-likwidazzjoni tal-kumpanija, liema proċess ma seħħx.

Jirriżulta li n-negozju tal-kumpanija ġie sospiż għal perjodu ta' aktar minn erbgħa u għoxrin (24) xahar. Jirriżulta wkoll li fil-15 ta' Diċembru 2022, saret laqgħa straordinarja f'liema laqgħa ġie riżolt illi l-kumpanija tiġi xolta u stralċjata permezz tal-Qorti u dana wara li qieset li n-negozju tal-kumpanija ilu sospiż għal perjodu ta' aktar minn erbgħa u għoxrin (24) xhar. Oltre minn hekk, jirriżulta wkoll li n-numru ta' membri tal-kumpanija tnaqqas għal inqas minn tnejn u baqa' hekk imnaqqas għal aktar minn sitt xhur, kif ukoll in-numru ta' diretturi tnaqqas għal inqas mill-minimu preskritt mil-liġi u baqa' hekk imnaqqas għal aktar minn sitt xhur.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **<u>fatti</u>**:

Illi **s-soċjeta rikorrenti** ppreżentat is-segwenti dokumenti:

- Kopja tax-*share purchases agreement* datat 28 ta' April 2020 li permezz tiegħu Vincent Stephanopoli akkwista l-ishma kollha tas-soċjetà rikorrenti mingħand Revery Group Limited;

- Kopja tar-Riżoluzzjoni meħuda waqt laqgħa tal-Bord tad-Diretturi tas-soċjetà Revery Group Limited miżmum fit-28 ta' April 2020 dwar l-imsemmi trasferiment;

- Kopja tar-rapport tal-Kontijiet annwali ta' Knightsbridge Global Limited datat 31 ta' Diċembru 2020;

- Kopja tar-Riżoluzzjoni Straordinarja tal-Membri tas-soċjetà rikorrenti – Il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom u tosserva partikolarment is-segwenti Riżoluzzjoni:

  *It was resolved that since the business of the Company has been suspended for an uninterrupted period of over than twenty four months, that an application should be made to the Court requesting the Court to dissolve and wind up the company in terms of Article 214(1)(a) of the Companies Act.*

- Kopja tal-Memorandum u l-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tas-soċjetà rikorrenti;

- Korrispondenza ma PWC Malta dwar il-likwidazzjoni tas-soċjetà rikorrenti;

- Kontijiet annwali tas-soċjetà rikorrenti għas-snin 2019 u 2020;

- Korrispondenza skambjata mal-Awdituri ta' Heritage Oil;

- Pariri legali dwar ir-rikavat;

- Kopja tar-Riżoluzzjoni Straordinarja meħuda minn Revery Group Limited.

Fl-affidavit tiegħu, **Vincent Stephanopoli** jgħid li s-soċjetà rikorrenti kienet oriġinarjament inkorporata fl-Olanda bħala *holding company* sabiex tkun partecipi f'kumpaniji li kienu involuti mija fil-mija (100%). Jispjega li dawn kienu *holdings* f'*mobile telecoms* u kienu involuti fi proġetti li kienu qed isiru dak iż-żmien minn Alcatel Lucent. Jispjega li lura fl-2005, Alcatel kienet żviluppat teknoloġija li s-soċjetà rikorrenti u entitajiet oħra relatati kienu qed jippruvaw idaħħlu f'pajjiżi differenti u s-soċjetà rikorrenti kienet magħżula għall-Ewropa tal-Lvant, ir-Russja u l-Asja Ċentrali.

Jgħid li fl-2008 kien konkluż li l-proġett ma kienx vijabbli minħabba l-iżvilupp f'teknoloġiji ġodda u għalhekk kien ġie deċiż li l-grupp kellu jiġi ridott u li jiġi likwidat investiment sinifikanti li kien sar sa dak il-punt. Jispjega li minħabba problemi regolatorji f'ħafna pajjiżi kien neċessarju li jiġu negozjati terminazzjonijiet ta' liċenzji u jingħalqu operazzjonijiet lokali. Jispjega li s-soċjetà rikorrenti kellha ħamsa u tletin sussidjarja li bdew jiġi likwidati sakemm baqa' biss kumpanija waħda.

Jispjega li fl-2018 kien ġie riżolt li l-kumpanija kellha tiġi ttrasferita għal Malta bl-intenzjoni li tiġi xolta. Ix-xogħol fuq ix-xoljiment beda fl-2019 ma' PWC iżda baqa' jittawwal bl-ispiża tiżdied.

Jgħid li f'April tas-sena 2020 hu sar l-benefiċjarju aħħari tas-soċjetà rikorrenti fuq parir tal-PWC Malta u b'hekk akkwista l-kumpanija wara li dan ġie approvat mill-Bord ta' dak iż-żmien. Jgħid li bħala l-azzjonist il-ġdid ingaġġa lill-PWC sabiex ixolju l-kumpanija sal-aħħar tas-sena 2021 iżda dan ma seħħx.

Jispjega li fil-ftehim li permezz tiegħu l-ishma kollha tal-kumpanija ġew ittrasferiti lilu kien jinkludi kondizzjoni li kwalunkwe rikavat mis-soċjetà rikorrenti kellu jgħaddi għand Revery Group Limited. Jgħid li l-unika rikavat potenzjalment rimanenti huwa tal-impjant taż-żejt fir-Russja CND li dak iż-żmien kien jappartjeni lil Heritage Oil u Gas Limited, liema rikavat kien valutat fl-ammont ta' ċirka disgħa u għoxrin miljun dollaru Amerikan (USD 29,000,000), iżda jispjega li informazzjoni dwar dan ir-rikavat fil-preżent ma rnexxilux jottjeni.

Jispjega li minn meta ġiet stabbilita f'Malta l-kumpanija ma kellha l-ebda attività u kienet ġiet allokata f'Malta biss għal skop ta' xoljiment u stralċ u huwa għalhekk li saret din il-proċedura.

Fl-affidavit tiegħu, **Dr Michael Gulbenkian** jgħid li mill-2003 sa Ottubru tal-2006 kien jokkupa l-kariga ta' CEO ta' Heritage Oil & Gas Limited, kumpanija inkorporata taħt il-liġijiet tal-Bahamas.

Jispjega li l-imsemmija soċjetà kienet ingaġġat is-servizzi tas-soċjetà rikorrenti sabiex tidentifika u takkwista impjanti taż-żejt fir-Russja jew fil-Kazakhstan minħabba li s-soċjetà rikorrenti kienet tipprovdi servizzi ta' konsulenza fl-industrija taż-żejt u tal-gas u għalhekk kellha diversi kuntatti. Jgħid li l-ftehim bejniethom kien li jekk kemm-il darba jsir akkwist, is-soċjetà rikorrenti tkun intitolata għal ishma li jammontaw għal sebgħa punt ħamsa fil-mija (7.5%) tal-valur tal-impjant, liema ishma s-soċjetà rikorrenti setgħet tagħżel li tbigħ lura lis-soċjetà imsemmija meta trid. Jispjega li b'riżultat ta' dan, Heritage Oil & Gas Limited akkwistat is-soċjetà CND f'Jannar 2006, u b'hekk s-soċjetà rikorrent akkwistat ħamsa fil-mija (5%) tal-ishma fis-soċjetà CND bil-possibiltà li takkwista tnejn punt ħamsa fil-mija (2.5%) oħra, liema sehem fil-mument tal-akkwiżizzjoni kien valutat fl-ammont ta' sebgħa u għoxrin punt disgħa miljun Dollaru Amerikan (USD 27,900,000).

Jispjega li minn meta ma baqax involut f'Heritage Oil & Gas Limited ingħata x'jifhem li l-imsemmija soċjetà kienet kissret l-obbligi tagħha vis-a-vis is-soċjetà rikorrenti.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

L-**Art. 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta** Id-dispożizzjoni tal-KAP 386 li abbażi tagħha hija msejsa din il-proċedura huwa l-artiklu 214(1)(a), jipprovdi hekk:

> *Kumpanija xxolji u konsegwentement tiġi stralċjata fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *(a) il-kumpanija tirriżolvi b'riżoluzzjoni straordinarja li l-kumpanija għandha xxolji u tkun stralċjata mill-qorti*

L-**Art. 218(1) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid espressament hekk:

> *Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal*

*(a) stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*

*(b) xoljiment u stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*

*(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpanija skont l-artikolu 214(2)(b),*

*għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tallaqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*

*Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpanija.*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-riżoluzzjoni straordinarja meħuda fil-15 ta' Diċembru 2022, DOK E, tispjega b'mod ċar u inekwivoku l-motivazzjoni li wasslet lil kumpanija għal dik ir-riżoluzzjoni, u ċjoè li l-kumpanija ilha ma topera għal perjodu mhux interrot ta' aktar minn erbgħa u għoxrin (24) xahar.

Wara li fliet id-dokumenti esebiti u r-rekwiżiti legali kollha, din il-Qorti hija tal-fehma illi r-riżoluzzjoni straordinarja saret u saret għal raġunijiet leġittimi fiċ-ċirkostanzi partikolari li tinsab fihom il-kumpanija.

Oltre minn hekk, la darba r-riżoluzzjoni hija valida, u din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għala tiddubita minn dan, din il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni li tirrifjuta li takkorda t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti għall-provvediment ta' stralċ.

**In vista tas-suespost, u la darba jeżistu l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex din il-Qorti tordna x-xoljiment u l-istralċ tal-kumpanija intimata ai termini tal-Artikolu 214(1)(a), din il-Qorti mhix serja teżamina jekk jeżistux ir-rekwiżiti tal-Artikolu 214(2)(a)(i), 214(2)(b)(i) u 214(2)(b)(ii).**

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti l-voti tal-liġi sabiex tkun tista' tgħaddi biex takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont tal-assjem ta' fatti u ċirkostanzi li jirriżultalha l-Qorti, din il-Qorti qegħda:

1. **Tordna** illi s-soċjetà **Knightsbridge Global Limited (C 91644)** tiġi xolta b'effett immedjat u konsegwentement stralċjata a bażi tal-Artikoli 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta u dana b'effett mill-15 ta' Diċembru 2022 *ai termini* tal-Artikolu 223(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. **Konsegwentement, tinnomina u taħtar stralċjarju** tas-soċjetà **Knightsbridge Global Limited (C 91644)** lir-**Riċevitur Uffiċjali** u tagħti lill-istralċjarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fosthom illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qagħda tal-kumpanija *de quo*, *ai termini* tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħmel rapport lill-Qorti *ai termini* tal-żartiklu 227 tal-istess KAP 386,

   b) Jagħmel il-verifiki kollha neċessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpanija *de quo* u jekk ikun il-każ, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

   c) Jieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tiegħu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpanija **Knightsbridge Global Limited (C 91644)** jista' għandha, u dan *ai termini* tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

   d) Jagħmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpanija *de quo*.

   e) Jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpanija jista' għandha,

3. **Tordna** lill-istralċjarju sabiex jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu sa qabel l-udjenza li jmiss.

4. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jitħallsu mis-soċjetà rikorrenti.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-Riċevitur Uffiċjali u lir-Reġistratur tal-Kumpaniji.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**